Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 9/2019

Il-Pulizija

Vs

Jean Paul Cutajar

Illum 31 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jean Paul Cutajar detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 0292990(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-20 ta' Ġunju 2018 għal ħabta ta' l-15:45 hrs ġewwa Triq it-Torri, Sliema:

1. Għamel xi ħaġa mingħajr liċenzja tal-awtorita' kompetenti, meta din il-liċenzja hijameħtieġa minn liġi jew minn regolamenti magħmulin mill-awtorita' kompetenti bis-saħħa ta' dik il-liġi.

2. Bħala persuna li fuq ismu għandu liċenzja bħala bejjiegħ fit-toroq minn post fiss, poġġa il-posta tiegħu matul id-distanza ta' mixi ta' inqas minn ħamsin metru mill-entratura ta' kull post kummerċjali.

3. Akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin u lok, ingumbra l-bankina u cioe l-Promenade ta' Triq it-Torri, Sliema, bil-posta tiegħu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Diċembru, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338 (gg) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 29(2)(c)(ii) u (2)(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u kkundannatu ammenda komplessiva ta' €263.

Rat ir-rikors tal-appellant Jean Paul Cutajar, ppreżentat fl-10 ta' Jannar, 2019, fejn talab lil din l-Qorti **TĦASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u dan billi **TIDDIKJARAH** mhux ħati tagħhom u konsegwentement **TILLIBERAĦ** minnhom; alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi fl-appell minnu ntentat l-appellant jilmenta b'mod ewlieni, illi huwa kellu licenzja valida sabiex jarma ghal bejgh mill-awtoritajiet kompetenti u allura l-Ewwel Qorti erronjament sabitu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu. Dan ghaliex ghalkemm fil-licenzja hemm indikat illi l-bejgh tal-prodott ghandu jsir minn fuq "tilar", madanakollu l-ligi ma taghti ebda definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi "tilar" u il-qisien ta'l-istess bl-ispeċifikazzjonijiet tal-istruttura permissibbli skond ir-regolamenti. Inoltre jishaq illi huwa kien armat fil-post lilu indikat fuq l-imsemmija licenzja u allura ma seta' qatt jikser id-distanza tal-hamsin metru imposta fil-ligi. Jisħaq ukoll illi l-pulizija li marru fuq il-post, ma kejlux b'rutella d-distanza

bejnu u bejn l-eqreb venda fl-istess akwata sabiex jistabbilixxu jekk kienx inqabeż o meno d-distanza tal-ħamsin metru bejniethom, izda wasslu ghal konkluzjoni illi kien hemm vjolazzjoni *ictu oculi* biex b'ħekk l-ahjar prova hija nieqsa. Mhux biss izda jishaq illi bl-ebda mod ma kien qed jingombra l-passagg liberu tan-nies billi l-bankina fejn kien armat hija piuttost wiesgha u kien hemm spazju bizzejjed biex jippermetti lin-nies ighaddu minn quddiemu komodament.

Illi ezaminati mill-gdid l-atti processwali, u dan bil-ghan li jigu indirizzati l-aggravji imqanqla mill-appellant, jirrizulta illi nhar l-20 ta' Gunju 2018 il-pulizija accedew fi Triq it-Torri ġewwa tas-Sliema wara li daħlilhom rapport illi l-appellant kien qed jarma ghal bejgh minghajr permess mahrug mill-awtorita kompetenti jew bi ksur tal-istess. Illi mill-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija b'mod ewlieni minn PS309 Brian Xuereb, rrizulta illi l-appellant kellu liċenzja li ggib in-numru 6/5039 li kienet tkopri l-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2017 u l-31 ta' Diċembru 2018. In oltre rriżulta mill-provi illi skond il-liċenzja maħruġa mit-Trade Licensing Unit, l-appellant kellu permess ibiegh il-merkanzija indikata fuq dan il-permess minn fuq '*tray*' jew 'tilar'. Illi ghalkemm jidher mir-rapport PIRS illi s-surgent ivverifika jekk mill-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta tohrogx id-definizzjoni tal-kelma "tilar", dan kellu rizultat negattiv. Madankollu ittiehdu proceduri kontra l-appellant fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Mercieca. Ma jidhirx minn dan ir-rapport li saru investigazzjonijiet ulterjuri rigward distanza minn stabbiliment kummercjali iehor jew inkella jekk kienx hemm xi oggetti imqieghda fuq il-bankina.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok jinghad illi dan il-każ nstema kontestwalment ma tlett każijiet oħra kollha fuq l-istess mertu iżda li jirrigwardaw dati differenti li ikopru z-zmien bejn ix-xhur ta' Mejju u Lulju tas-sena 2018. Dan qed jingħad in vista tal-fatt illi x-xiehda li nstemghet mill-Ewwel Qorti mhux

kollha necessarjament hija applikabbli għad-data ta' dan l-appell issa taht il-lenti tal-Qorti. Dan maghdud, madanakollu l-aggravji imqanqla mill-appellant essenzjalment huma l-istess bl-aggravju ewlieni jkun dak illi fil-fehma tieghu ma sehh ebda ksur tal-licenjza li ghandu fuq ismu u li tippermettielu jarma ghal bejgh.

Illi l-appellant jinsab mixli bil-ksur tar-regolamenti li huma enkapsolati fil-leġislazzjoni sussidjarja 441.07, bit-tielet akkuża ta' natura kontravenzjonali kif mahsub fl-artikolu 338(gg) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi r-regolament 29(2)(c)(ii) u (d) tal-Legislazzjoni sussidjarja 441.07 jipprovdi illi:

> **29. (2) Bejjiegħ fit-toroq jista' jiġġestixxi wkoll l-attività kummerċjali tiegħu minn post fiss billi jipparkja l-vettura tiegħu, sabiex ibiegħ lill-kilijenti tiegħu bla ħsara għall-kondizzjonijiet li ġejjin:**
>
> **(ċ) li l-post fejn jipparkja l-vettura tiegħu ma jkunx:**
>
> **(i) tul distanza bil-mixi ta' inqas minn ħamsin (50)metru mill-eqreb suq fil-beraħ;**
>
> **(ii) tul distanza bil-mixi ta' inqas minn ħamsin (50)metru mid-dħul ta' kull post kummerċjali:**
>
> **Iżda għal dak l-għan, gabbana fissa għandha titqies bħala post kummerċjali;**
>
> **(d) li ma jitqiegħed xejn fuq il-bankina;**

L-artikolu 338(gg) tal-Kodiċi Kriminali imbaghad similiment jistabilixxi illi:

> **(gg) min barra mill-każijiet imsemmijin espressament f'dan il-Kodiċi jew f'liġi oħra, jagħmel xi ħaġa mingħajr liċenza tal-awtorità kompetenti, meta din il-liċenza hija meħtieġa minn liġi jew minn regolamenti magħmulin mill-awtorità kompetenti bis-saħħa ta' dik il-liġi;**

Illi huwa fatt inkontestat illi l-appellant jipposjedi licenzja mahruga mill-awtorita' kompetenti sabiex jkun jista' jiggestixxi in-negozju tieghu ta' bejjiegh mit-triq b'post fiss (*fixed hawker*). Huma l-kundizzjonijiet imposti fl-imsemmija licenzja li jinsabu in kontestazzjoni bl-Ewwel Qorti tqies illi l-appellant hareg 'il barra mil-limiti imposti fuqu f'dik il-licenzja meta l-armar

li minn fuqu qed isir il-bejgh ma jaqax taht id-definizzjoni ta' "tilar" kif indikat fil-licenzja u li permezz tal-istess mhux biss qed jinholoq ingombru fuq il-bankina izda ukoll qed tinkiser id-distanza ta' hamsin metru minn stabbiliment kummercjali iehor u cioe' kjosk li jinsab fil-vicin.

Issa l-appellant ghandu licenzja:

> ***'To act as a fixed hawker for the sale of Maltese dates and confectionary products by means of a tray from the site near the playing fields by the tower, Tower Road, Sliema. Site indicated by the police attached plan."***

Jidher illi din it-terminologija hija riproduzzjoni ta' dik li hemm fil-licenzja li kienet inharrget originarjament mill-pulizija lura fl-1998 fuq isem certu Maria Lourdes Falzon, liema licenzja giet imbaghad trasferieta ghal fuq isem l-appellant fl-2016. Illi lanqas ma hu kkontestat illi l-post minn fejn l-appellant qieghed jarma ghal bejgh huwa l-istess post indikat fis-*site plan* annessa mal-licenzja.

Illi qabel xejn jinghad illi fl-atti ta' din il-kawza ma hemm ebda prova dwar l-istruttura li fuqha hemm armata l-merkanzija esposta ghal bejgh mill-appellant. Illi lanqas mix-xiehda ta' Raymond Cauchi sid il-kjosk bl-isem *Mr. Softy* ma hemm deskrizzjoni ta' dan l-armar u ghalkemm issir referenza minnu ghal ritratt immarkat Dokument GH3, dan madanakollu ma hux esebiet fl-atti ta' din il-kawza. Il-partijiet inoltre jezentaw lill-Ewwel Qorti mis-smigh tal-ufficjal investigattiv PS309 biex b'hekk allura l-provi huma skarni ghall-ahhar. Illi din il-Qorti ma tistax taghmel referenza ghal xiehda u dokumenti li hemm f'kawzi ohra billi ghajr ghax-xiehda ta' Raymond Cauchi u Paul Demajo Albanese dawn ma jifformawx parti mill-atti probatorji. Dan jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-04 ta' Settembru 2018.

Illi dan maghdud, madanakollu, il-Qorti tosserva illi l-ligi ma taghti ebda definizzjoni ta' bejgh permezz ta' tilar jew tilari ghajr ghal dak mahsub fil-Legislazzjoni Sussidjarja 441.04 li titkellem dwar dawk l-attivitajiet li jehtiegu permess mill-Kunsilli Lokali, ligi li ghalkemm ma ssibx applikazzjoni ghal kaz in dizamina, hemmhekk il-kelma "posta" (*stall* fit-test ingliz) tinghata it-tifsira ta' "**kull vettura, kompartament, bank, bord,**

**trolley, mejda, jew tilar, jew għaqda tagħhom, imqiegħda f'suq fil-beraħ għal bejgħ ta' oġġetti.**" (sottolinjar tal-Qorti)

Il-kelma vettura, imbaghad tfisser **"kull vettura kemm jekk taħdem b'makna kemm jekk le u tinkludi kull rota, karrettun, karru jew trailer."**

Illi l-Qorti qed taghmel din l-analogija ghaliex kuntrarjament ghal din id-definizzjoni moghtija f'dawn ir-regolamenti fejn anke il-qisien tal-posta huma indikati fil-ligi, ir-regolamenti li tahthom taqa' il-licenzja tal-appellant u cioe' dawk li jaqghu taht il-legislazzjoni Sussidjarja 441.07 ma jaghtu l-ebda definizzjoni bhal din. Illi l-Ewwel Qorti ghogobha taghti it-tifsira tal-kelma "tilar" bhal dik uzata komunement fid-diskors, li mhux necessarjament, fil-fehma ta' din il-Qorti, tikkomprendi dak li l-legislatur irid ifisser meta din il-kelma tigi nkorporata fil-ligi, bid-definizzjoni tal-kelma "tilar" jew "*tray*", fl-uzu komuni taghha, ma tinkorporax fiha xi struttura bis-saqjan. Tant hu hekk illi l-Legislazzjoni sussidjarja hawn fuq iccitata sahansitra tikkontempla fid-definizzjoni ta' "posta" (*stall*) ghaqda flimkien ta' l-armar indikat fid-definizzjoni, li allura timplika li f'posta jista' jkun hemm aktar minn tilar wiehed kif fil-fatt jidher li qed isir f'dan il-kaz. Dan qed jinghad iktar u iktar fid-dawl tal-fatt illi l-Legislazzjoni sussidjarja 441.07, u cioe' il-ligi li timputa r-reati addebitati lill-appellant, ma taghmel l-ebda distininzjoni dwar l-mezz adoperat minn bejjiegh fit-triq f'post fiss sabiex jezercita n-negozju tieghu, bil-licenzja tal-appellant taqa' taht il-kategorija 52.62A li titkellem dwar "il-bejjiegha fit-toroq ta' ikel, xorb u prodotti ta' tabakk." Issa fil-fatt anke minn qari tal-akkuzi addebitati lill-appellant jidher illi il-kelma adoperata hija "posta" u mhux "tilar".

Illi d-dritt ta' smigh xieraq jirrikjedi li disposizzjoni tal-ligi ghandha tohloq certezza legali fil-qafas guridiku ta' pajjiz. Illi lanqas ma tista' l-Qorti bl-interpretazzjoni taghha tal-qafas legislattiv tal-kaz taht il-lenti taghha tohloq hi stess vjolazzjoni tal-ligi fejn din ma gietx specifikament mahluqa mill-legislatur.

**"Illi sintetikament dan il-principju rikjamat mir-rikorrenti jistabbilixxi li ligijiet ghandhom mill-inqas jissodisfaw is-segwenti rekwiziti:**

**"i. Illi jkunu cari bizzejjed biex jiddefinixxu b'mod li wiehed ikun jista' minghajr sforzi mmani, mill-ewwel japprezza l-agir minnu rikjest u allura, jistabbilixxu dik il-prevedibilita' legittima tal-agir mistenni u tal-konsegwenza f'kaz ta' nuqqas;**

**"ii. Illi ghalhekk fost affarijiet ohra, ligi ghandha kemm jista' jkun – specjalment dik ta' indola kriminali – tissodisfa fost l-ohrajn is-segwenti kriterji:**
**"a. Illi tkun prospettiva u mhux retrospettiva – anke fid-dawl tal-precett kostituzzjonali fir-rigward;**
**"b. Illi ma tkunx impossibbli li tobdiha;**
**"c. Illi trid tkun regolarment u legalment stabbilita bhala ligi minn awtorita' legittima kompetenti;**
**"d. Illi trid tkun cara fl-aspetti kollha taghha kemm lingwistici, kif ukoll logici u legali;**
**"e. Illi trid tkun ukoll koerenti mas-sistema legali in generali;**

**"iii. Illi ghalhekk kemm l-agent attiv, kif ukoll il-professjonist legali li jkollu l-obbligu jaghti l-pariri tieghu fir-rigward, ikunu orjentati bi precizjoni bizzejjed biex kemm l-azzjoni jew indikazzjoni de quo tkun ibbazata fuq kriterji cari li jorjentawhom b'mod adegwat u sewwa fir-rigward;**

**29. Il-garanzija moghtija mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja tokkupa pozizzjoni prominenti fis-sistema tal-Konvenzjoni kif sottolineat mill-fatt li ebda deroga ghaliha ma hi permessa taht l-Artikolu 15 tal-istess Konvenzjoni f'kaz ta' gwerra jew emergenza pubblika. L-artikolu inkwistjoni ghandu jifthiem u jigi applikat skont l-ghanijiet intiz li jilhaq b'tali mod li jipprovdi garanziji effettivi kontra prosekuzzjonijiet, sejbien ta' htija u pieni arbitrarji . Skont l-Artikolu 7(1) tal-istess Konvenzjoni l-ligi biss tista' tistabilixxi reat u tippreskrivi l-piena ghalih u ghalhekk ir-reati u l-pieni relevanti ghandhom jigu kjarament definiti bil-ligi. Din il-htiega tigi sodisfatta meta l-individwu jista' jkun jaf mill-kliem tad-dispozizzjoni relevanti u, jekk mehtieg, bl-assistenza tal-interpretazzjoni taghha mill-qrati, liema atti u ommissjonijiet jirrenduh kriminalment imputabbli. Il-kuncett ta' ligi jikkomprendi kemm ligi statutorja kif ukoll kazistika u jimplika certi rekwiziti kwalitattivi, fosthom dawk ta' accessibilita` u prevedibilita` li jridu jigu sodisfatti kemm ghar-rigward tad-definizzjoni tar-reat kif ukoll rigward il-piena li r-reat igib mieghu.[1]"**

[1]Adrian Marmara u Eugenio Camenzuli v Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija deciza 16/12/2013 Kost.

Illi allura huwa fid-dmir tal-legislatur illi jistabbilixxi specifikazzjonijiet bil-precis dwar il-posta fejn l-appellant jista' jokkupa bil-qisien tal-armar tieghu jigu indikati b'mod inekwivoku bhalma hemm indikat f'ligijiet ohra sabiex b'hekk ma ikun hemm ebda dubbju jew ekwivoku dwar l-osservanza minnu tal-kundizzjonijiet tal-licenzja. Mhux biss izda l-awtoritajiet responsabbli ghandhom jaraw meta tinhareg il-licenzja illi d-distanzi relattivi jigu osservati u li l-istess ma joholqux ingombru ghall-utenti l-ohra tat-triq u dan f'cirkostanzi fejn il-licenzja tirrigwarda *fixed hawker* u allura fl-istess licenzja irid jigi indikat bil-precis il-post fejn jista' jarma il-*licensee*. Kwindi il-Qorti ma tistax issib htija fl-appellant ghal ksur tal-licenjza tieghu kif imfisser fit-tielet imputazzjoni lilu addebitata.

Ikkunsidrat:

Issa fl-ewwel imputazzjoni addebitata lill-appellant huwa jigi akkuzat illi ma zammx id-distanza tal-hamsin metru minn post kummercjali iehor, li x'aktarx f'dan il-kaz jirreferi ghal kjosk imsejjah "Mr. Softy" li jinsab ftit distanti mill-post fejn hu armat l-appellant, u mhux mill-istabbiliment tat-Torri li jinsab fil-vicin ukoll.

Illi mill-atti probatorji ma jidhirx illi l-pulizija li mar fuq il-post f'dan il-kaz ha xi qisien u lanqas jindika li ghamel xi kalkolazzjoni fuq ghajnejh illi din id-distanza ma inzammitx. Fil-fatt mir-rapport tal-PS309, li, kif inghad, lanqas biss xehed, jidher illi fl-investigazzjoni minnu kondotta ma dahalx biex jinvestiga kwistjonijiet dwar distanza. Kif allura lanqas hemm indikat minnu jekk kien hemm xi stabbilimenti kummercjali debitament illicenzjati fil-vicin. Illi ghalkemm mix-xiehda ta' Raymond Cauchi jidher illi huwa armat bi kjosk fil-vicin bl-isem *Mr. Softy* tant illi jidher illi huwa l-persuna li qieghed iressaq l-ilmenti mal-pulizija, madanakollu huwa ma jressaq ebda prova dwar il-permessi u l-licenzji li jippermettulu jiggestixxi n-negozju tieghu minn dan il-lok. Illi jerga' jigi ribadit illi l-appellant kien armat fil-post indikat fil-licenzja tieghu u allura kien fl-impossibilita' li jarma f'lok iehor mhux hekk indikat. Illi allura hija l-fehma tal-Qorti illi gjaldarba f'dan il-kaz id-distanza ma tkejjlitx allura l-ahjar prova hija nieqsa. Mhux biss izda

lanqas hemm prova dwar il-permessi tal-istabbilimenti kummercjali fil-vicin. Illi gie deciz minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fuq kaz konsimili illi:

> **"Illi dwar l-ewwel akkuza li tirrigwarda jekk l-appellanti kinitx qed tbiegh f'distanza ta' anqas minn hamsin (50) metru mill-entratura ta' stabiliment kummercjali iehor il-prassi dejjem kienet li ma jsir ebda kejl reali ta' dawn il-hamsin (50) metru izda wiehed jistrieh fuq ghajnejh. Din mhiex prattika tajba ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok, id-distanza hu valur oggettiv u hawnhekk ghandna konstatazzjoni soggettiva. Dan jaghti lok li jista' jinqalghu sitwazzjonijiet fejn diversi persuni jkollhom koncezzjoni tal-kejl differenti. Fit-tieni lok, akkuzi ta' dan it-tip taghti lok li ghandha ssir il-prova ulterjuri li verament hemm stabbiliment kummercjali u li hu licenzjat skont il-ligi. Dan ifisser li biex akkuza ta' dan it-tip twassal ghall-kundanna skont il-ligi, il-provi prodotti ghandhom ikunu oggettivi. – Il-Pulizija vs Teresa D'Amato – 05/02/2014 App.Inf**

Illi huwa indubitat illi f'dan il-kaz l-ebda prova oggettiva ma ingiebet billi kif inghad ma saritx investigazzjoni fir-rigward. Illi allura l-appellant certament ma setax jinstab hati fuq il-provi li hemm fl-atti marbuta ma' dan il-kaz ghal din l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu billi l-provi huma mankanti.

Illi l-istess jista' jinghad fir-rigward tat-tieni mputazzjoni, billi hawnhekk ukoll ma jidhirx illi s-surgent 309 ghamel xi stharrig fir-rigward ta' ingombru fuq il-bankina jew inkella jekk kienx hemm xi oggetti imqieghda fuq l-istess. Madankollu kif inghad, l-appellant qiegħed il-venda tiegħu fil-lok kif speċifikat lilu fil-liċenzja tiegħu, tant illi l-pulizija li marru fuq il-post qatt ma qalulu biex jiċċaqlaq. Illi mhux biss izda qatt ma gie imressaq ebda ilment illi din il-bankina kienet qed tigi ingumbrata, bankina li hija piuttost wiesgha, u lanqas hemm prova f'dan ir-rigward fl-atti. Fuq kollox jidher li l-appellant kien armat skond il-liċenzja tiegħu w il-posta lilu moghtija minghajr ma hemm indikat il-qisien ta' tali posta. Għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti ma kellhiex biżżejjed provi sabiex isibu ħati ta' din l-akkuza wkoll.

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u ħtija.

(ft) Imħallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur